

(Abbozz)

DIGRIET

**tal-Ministeru għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika Slovakka
ta'/2023,**

**li jemenda d-Digriet tal-Ministeru għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-
Repubblika Slovakka Nru 83/2016 dwar il-prodotti tal-laħam**

Skont § 3(1)(d) tal-Att tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka Nru 152/1995 dwar l-oġġetti tal-ikel, kif emendat bl-Att Nru 30/2015, il-Ministeru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika Slovakka jistabbilixxi dan li ġej:

Artikolu I

Id-Digriet tal-Ministeru għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika Slovakka Nru 83/2016 dwar il-prodotti tal-laħam huwa emendat kif ġej:

1. § 2(al) jaqra kif ġej:

“al) brodu tal-laħam ikkonċentrat tfisser prodott tal-laħam mill-għadam taċ-ċanga jew mill-għadam tal-vitella, li jista' jkun biż-żieda ta' ħxejjex tal-għeruq u mħawwar b'melħ, ħwawar, inbid jew ingredjenti oħra ddikjarati li jittieklu, inklużi biċċiet tal-laħam, u li huwa ppreparat billi jitnaqqas il-volum billi jagħli sabiex tinkiseb konsistenza simili għall-ġelatina; it-terminu “demi-glace” jista' jintuża wkoll għad-deżinjazzjoni ta' brodu tal-laħam ikkonċentrat;”.

2. Jiżdied § 2(am) li ġej, li jaqra:

“am) soppa tal-laħam tfisser prodott tal-laħam minn laħam jew għadam tal-animalli maħsub għall-produzzjoni tal-ikel, li jista' jingħata toġhma b'melħ, ħwawar jew ingredjenti oħra ddikjarati li jittieklu.”.

3. § 3(3)(a) jaqra kif ġej:

“a) mhux aktar minn 7 °C fil-każ ta' prodott tal-laħam artab, prodott tal-laħam mgħolli, prodott tal-laħam moħmi, laħam immellaħ ittrattat bis-sħana, laħam nofsu ppreservat u laħam immellaħ nej;”.

4. F'§ 3(3) jitħassar il-punt (b).

Il-punt (c) attwali jsir il-punt (b).

5. F'§ 3(8)(a), il-kliem “4 °C, ħliet għall-prodott tal-laħam imsemmi fil-paragrafu (3)(b) u (c)” huwa sostitwit bil-kliem “skont il-paragrafu (3)”.

6. F'§ 3(11) jiżdied il-punt (d) li jaqra:

“d) brodu tal-laħam ikkonċentrat, soppa tal-laħam.”.

7. F'§ 4, jitħassar il-paragrafu (13).

8. F'§ 5(2), it-tieni sentenza taqra: “Għall-parti tal-prodott tal-laħam li tibqa' intatta wara t-tqattigħ, il-bejgiegħ għandu jnaqqas il-ħajja tiegħu fuq l-ixkaffa kif xieraq.”.

9. F'§ 5, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“(3) Meta jiġi mmaniġġjat prodott tal-laħam imkessaħ, hija permessa żieda fit-temperatura għal żmien qasir ta' mhux aktar minn 2 °C fuq il-wiċċ skont § 3(3).”.

10. F'§ 17(1), il-kelma “xi” tinbidel bil-kelma “oħrajn”.
11. Fit-Tabella 1 tal-Anness 1, fit-tmien ringiela bl-isem tal-prodott “Iz-zalzett tal-Ham”, fit-tieni kolonna, il-kliem “majjal, ċanga” huwa sostitwit bil-kliem “majjal jew majjal u ċanga”.
12. Fl-Anness 4, fir-raba’ ringiela bl-isem tal-prodott “Luncheon meat”, fit-tieni kolonna, il-kliem “majjal, ċanga” huwa sostitwit bil-kliem “majjal jew majjal u ċanga”.

Artikolu II

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2024.